# JANNAR 2022



*San Pawl, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

> "Bħal Pawlu, aħna msejħin inkunu ħielsa mill-ipokreziji tal-esterjorità, biex inkunu ħielsa mit-tentazzjoni li nimponu ruħna bil-qawwa tad-dinja minflok bid-dgħjufija li tagħmel wisa' għal Alla, inkunu ħielsa minn osservanza reliġjuża li tagħmilna riġidi u inflessibbli, ħielsa mir-rabtiet ambigwi mal-poter u mill-biża' li ma ninftehmux u niġu attakkati." (Il-Papa Franġisku, 29.6.2021)






| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30<br>Ir-Raba' Ħadd Matul is-Sena | 31 | | | | | 1<br>"Is-Solennità ta' Marija Omm Alla"<br>Open Day fid-Dar tal-Providenza |
| 2<br>L-Epifanija tal-Mulej | 3 | 4<br>Seminar għall-katekisti | 5<br>6.30pm. Quddiesa għal dawk li mietu fit-tliet xhur ta' qabel | 6<br>• Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>• Seminar għall-katekisti | 7<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 8 |
| 9<br>Il-Magħmudija tal-Mulej<br>5pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 10<br>Bidu tal-Kors ta' Kana | 11 | 12<br>Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù | 13 | 14<br>6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u tfal - Sena 2-3 | 15 |
| 16<br>It-2 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>• 3.30pm Quddiesa tal-festa ta' San Pawl Eremita, f'Wied il-Għasel | 17 | 18 | 19 | 20 | 21<br>6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u tfal - Sena 4-5 | 22 |
| 23<br>It-3 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>• Festa ta' San Anton Abbati, fil-Kappella ddedikata lilu.<br>• 10.00am Tberik tal-annimali.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 24 | 25<br>Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl | 26<br>Ħarġa għall-anzjani | 27<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 28<br>6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u tfal tal-Griżma | 29 |

# FRAR 2022



San Filippu, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.

> "Filippu jistieden lil Natanael jimxi wara Ġesù: "Ejja u ara." Nistgħu naraw lil Filippu jdur fuqna wkoll b'dawn iż-żewġ verbi: "Ejja u ara". Hu proprju dan li jfakkarna l-Appostlu Filippu, u jistedinna "niġu" u "naraw", jiġifieri nidħlu f'kuntatt ta' smigħ, ta' tweġiba u ta' komunjoni ta' ħajja ma' Ġesù, jum wara jum." (Il-Papa Benedittu, 6.9.2006)












| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej<br>• Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù.<br>• 6.30pm Quddiesa bit-Tberik tax-Xemgħa | 3 Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. | 4 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 5 |
| 6 Il-5 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>5pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 7 | 8 | 9 6.30pm Quddiesa tal-Vġili ta' San Pawl | 10 Solennità ta' San Pawl<br>• Il-Quddies fil-Bażilika jkun bħal nhar ta' Ħadd.<br>• Seminar għall-Operaturi Pastorali | 11 L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes<br>6.30pm Quddiesa u laqgħa għall-ġenituri u tfal tal-Ewwel Tqarbina | 12 Bidu tal-Marriage Course - Sessjoni 1 |
| 13 Is-6 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 14 | 15 | 16 | 17 Bidu tal-Katekeżi, mill-aħwa tal-Mixja Neo-Katekumenali, li jibqgħu isiru kull nhar ta' Tnejn u Ħamis | 18 • 6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u t-tfal tas-sena 2-3.<br>• 7.30pm Laqgħa għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Lulju u Diċembru 2022 | 19 Marriage Course - Sessjoni 2 |
| 20 Is-7 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>• 9.30am Quddiesa u laqgħa għall-adoloxenti tal-Griżma tal-Isqof.<br>• 5pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 21 | 22 Festa tal-Katedra ta' San Pietru<br>Jum b'rabta speċjali mat-titlu tal-Bażilika Minuri tal-Papa. | 23 | 24 Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 25 Tifkira tal-Beata Adeoadata Pisani<br>• 6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u t-tfal tas-sena 4-5.<br>• 7.30pm Laqgħa għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Lulju u Diċembru 2022 | 26 Party tal-Karnival |
| 27 It-8 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 28 | | | | | |

# MARZU 2022




*San Ġakbu l-Kbir, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

> "Flimkien ma' ħuh Ġwanni u Pietru, Ġakbu kellu x-xorti jieħu sehem fil-mumenti tal-agunija ta' Ġesù fil-Ġetsemani, kif ukoll fit-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù. Fl-ewwel, Ġakbu jduq il-glorja tal-Mulej u jarah jiddi. Fit-tieni jsib ruħu quddiem it-tbatija u jara b'għajnejh stess kif l-Iben ta' Alla jiċċekken billi jsir ubbidjenti sal-mewt."
>
> (Il-Papa Benedittu, 21.6.2006)

## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN FIL-PARROĊĊA TAL-MOSTA

**Mill-Ġimgħa, l-4 sal-Ħadd 6 ta' Marzu**
Live in għall-Koppji Żgħażagħ

**Il-Ħadd, is-6 ta' Marzu**
Se jibda Kors ta' Eżerċizzi **GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠIN U GĦALL-GĦARAJJES,** fil-Bażilika fl-10.30am – (bejn il-quddies tad-9.30am u tal-11am)
Dan il-Kors se jkompli kull nhar ta' Ħadd matul iż-żmien tar-Randan.
Jipprietka l-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana.

**Mit-Tnejn, l-14 sal-Ġimgħa, it-18 ta' Marzu**
**GĦAL KULĦADD** fiċ-Ċentru Sant'Andrija
**fis-6.00 p.m.** Quddiesa u Prietka minn

**GĦAL KULĦADD** fil-Kappella Ġesu Feddej
**fis-6.30 p.m.** Quddiesa u Prietka minn

**Mit-Tnejn, il-21 ta' sal-Ġimgħa, il-25 ta' Marzu**
**GĦAL KULĦADD** fil-Bażilika
**fid-9.00 a.m.** Prietka minn

**Il-Ġimgħa, l-1 ta' April**
**GĦAL ADOLOXXENTI** bejn 12 u 15 –il sena

**Mill-Ġimgħa, l-1 sal-Ħadd 3 ta' April**
Live in għall-Koppji

**Is-Sibt, it-2 ta' April**
**GĦAL ŻGĦAŻAGĦ** minn 15 –il sena l-fuq.

**Mit-Tnejn, l-4 sal-Ġimgħa, it-8 ta' April**
**GĦAL KULĦADD** fil-Bażilika
**fis-7.00 p.m.** Prietka minn Dun Manwel Cutajar

| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2<br>Ras ir-Randan - obbligu tas-sawm u astinenza<br>• 5.45pm Pellegrinaġġ bis-Salib Imqaddes.<br>• 6.30pm Quddiesa | 3<br>• Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>• L-ewwel qrara għat-tfal li jattendu l-Museum Subien | 4 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar<br>• 6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u t-tfal tas-Sena 6.<br>• 7.15pm L-Ewwel Qrara għat-tfa li jattendu l-Oratorju Qalb ta' Ġesu.<br>• 7.30pm Laqgħa għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Lulju u Diċembru 2022<br>• Live-in għall-koppji miżżewġin żgħażagħ | 5<br>Marriage Course - Sessjoni 3<br>• Live-in għall-koppji miżżewġin żgħażagħ |
| 6 L-Ewwel Ħadd tar-Randan<br>• Seminar għall-parteċipanti tal-Ġimgħa l-Kbira u kitba għal min ikaxkar il-ktajjen.<br>• 10.30am Eżerċizzi għall-miżżewġin.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija.<br>• 7.00pm Quddiesa u eżercizzi għaż-żgħażagħ<br>• Live-in għall-koppji miżżewġin żgħażagħ | 7 | 8 | 9<br>• Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù.<br>• 5.45pm Via Sagra fit-toroq taz-Zona ta' Santa Margerita | 10<br>L-ewwel qrara għat-tfal li jattendu ċ-Ċentru ta' Sant Andrija u Museum Bniet. | 11<br>L-ewwel qrara għat-tfal li jattendu fiċ-Ċentru Santa Margerita. | 12<br>Marriage Course - Sessjoni 4 |
| 13<br>It-Tieni Ħadd tar-Randan. Anniversarju tal-Elezzjoni tal-Papa Franġisku.<br>• Jum b'rabta mat-titlu ta' Bażilika Minuri tal-Papa.<br>• 10.30am Eżerċizzi għall-miżżewġin.<br>• 7.00pm Quddiesa u eżercizzi għaż-żgħażagħ | 14 | 15 | 16 | 17<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 18<br>6.30pm Quddiesa u laqgħa għall-ġenituri u t-tfal tal-Ewwel Tqarbina | 19<br>Solennita' ta' San Ġużepp<br>Fl-10.00 issir quddiesa oħra fil-Bażilika |
| 20<br>It-Tielet Ħadd tar-Randan<br>• 10.30am Eżerċizzi għall-Miżżewġin.<br>• 5.00pm. Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija.<br>• 7.00pm Quddiesa u Eżerċiżżi għaż-Żgħażagħ | 21 | 22<br>L-ewwel qrara għat-tfal li jattendu l-Oratorju Marija Immakulata | 23 | 24 | 25<br>Festa tar-Redentur u Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej.<br>5:30p.m. Quddiesa u wara pellegrinaġġ bir-Redentur. Wara l-pellegrinaġġ issir Quddiesa oħra. | 26<br>Marriage Course - Sessjoni 5 |
| 27<br>Ir-Raba' Ħadd tar-Randan<br>• 10.30am Eżerċizzi għall-miżżewġin.<br>• 7.00pm Quddiesa u eżercizzi għaż-żgħażagħ | 28 | 29 | 30<br>Nofs ta' nhar irtir għall-anzjani | 31<br>• Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>• Pellegrinaġġ tar-Randan għal Bormla, l-Isla u l-Birgu | | |

# APRIL 2022



San Xmun, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.

**Marfel Jewellers, Watch & Gold Repairs**

1 Triq il-Kostituzzjoni ,
Mosta Malta MST 9058
t: 27 420 686



Triq iz-Zakak, Mosta | m: 7953 7834




“Xmun jissejjaħ “Żelota”, jiġifieri “Imħeġġeġ”. Dwar il-ħeġġa l-Papa Franġisku jgħid hekk: “Xi Nsara tonqoshom il-ħeġġa biex jimxu ’l quddiem, tonqoshom it-tama. L-Insara bla tama ma jkunux kapaċi jimxu ’l quddiem. Inkunu fiż-żgur biss meta nimxu fil-preżenza tal-Mulej Ġesù. Hu jdawwalna, Hu jagħtina l-Ispirtu tiegħu biex nimxu fit-triq tas-sewwa.”

(Il-Papa Franġisku, 28.7.2014)

| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar<br>• Attivita għal adoloxxenti għal żżmien ir-randan.<br>• Live-in għal miżżewġin. | 2<br>• Live-in għal miżżewġin.<br>• Attiviita għaż-żgħażagħ bi preparazzjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa. |
| 3<br>Il-5 Ħadd tar-Randan<br>• Live-in għal miżżewġin. | 4 | 5 | 6<br>• Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù.<br>• 6.30pm Quddiesa għal dawk li mietu fit-tliet xhur ta' qabel | 7 | 8 Festa tad-Duluri<br>• Jingħata bidu għall-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju.<br>• 5:30pm Quddiesa u wara purċissjoni bix-xbieha tad-Duluri. Wara l-purċissjoni ssir Quddiesa oħra. | 9<br>• 8.30am Quddiesa b'radd il-ħajr lil Alla għall-Miraklu tal-Bomba.<br>• Marriage Course - Sessjoni 6 |
| 10<br>Ħadd il-Palm<br>• 9.00a.m. Tberik tal-palm u ż-żebbuġ<br>• 9:30am Quddiesa Solenni fil-Bażilika.<br>• 7.00pm Quddiesa u eżerċizzi għaż-żgħażagħ | 11<br>It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa<br>5pm Laqgħa għat-tfal tal-Parroċċa li qegħdin mill-1 sat-3 sena kateketika | 12<br>It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa<br>5pm Laqgħa għat-tfal tal-Parroċċa li qegħdin mir-4 sas-6 sena kateketika | 13<br>L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa<br>Pellegrinaġġ għal Għawdex organizzat miz-Zona ta' Santa Margerita | 14 Ħamis ix-Xirka<br>• 5:00p.m. Quddiesa għat-tfal.<br>• 6:30pm Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej. Din il-funzjoni ssir f'Sant'Andrija, fil-Bidnija, f'Ta' Mlit, Pax et Bonum u Agostinjani.<br>• 8:30pm u 9:30pm Visti;<br>• 11:00pm Adorazzjoni | 15 Ġimgħa l-kbira<br>• 8:00am Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>• 3:00pm Azzjoni Liturġika fir-Rotunda, Sant'Andrija, Bidnija, Pax et Bonum u Agostinjani.<br>• 3:30pm Azzjoni Liturġika f'Ta' Mlit.<br>• 5:30pm Purċissjoni | 16 Sibt il-Għid<br>• 8:00am Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>• 8:00pm Quddiesa tal-Vġili tal-Għid fil-Bażilika, Ta' Mlit u Sorijiet Pax et Bonum |
| 17 L-Għid il-Kbir<br>• 9:30am Quddiesa għat-tfal li fiha jsir it-tberik tal-figolli.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija<br>5:30pm Quddiesa solenni u purċissjoni.<br>• 7.00pm Quddiesa fil-Bażilika | 18 Ottava tal-Għid il-Kbir<br>Bidu tal-Kors ta' Kana | 19 Ottava tal-Għid il-Kbir<br>Laqgħa ta' formazzjoni għall-katekisti | 20 Ottava tal-Għid il-Kbir | 21 Ottava tal-Għid il-Kbir<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 22 Ottava tal-Għid il-Kbir | 23 Ottava tal-Għid il-Kbir<br>Marriage Course - Sessjoni 7 |
| 24<br>It-Tieni Ħadd tal-Għid. Festa tal-Ħniena Divina<br>4.30pm Adorazzjoni u Quddiesa tal-Ħniena Divina | 25 | 26 | 27<br>• Taħdita għall-anzjani. | 28 | 29<br>• 6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u t-tfal - Sena 2-3 | 30<br>Marriage Course - Sessjoni 8 |

# MEJJU 2022



*San Ġakbu ż-Żgħir, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

> San Pawl isejjaħ lil Ġakbu "kolonna" tal-Knisja f'Ġerusalemm għax kien bis-saħħa tal-intervent tiegħu li fid-diżgwid li nqala' fost bejn l-Insara ta' nisel Lhudi u dawk ta' nisel pagan kien intlaħaq kompromess. Fl-Ittra tiegħu, Ġakbu jistedinna biex nintelqu f'idejn Alla f'dak kollu li nagħmlu u biex illissnu dejjem: "Jekk il-Mulej irid"
>
> (Il-Papa Benedittu, 28.6.2006)









| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 It-Tielet Ħadd tal-Għid. Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem<br>• 5.30pm Quddiesa u purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp.<br>• 7.00pm Quddiesa fil-Bażilika | 2 | 3 | 4<br>Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù | 5<br>Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. | 6 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar<br>6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u t-tfal - Sena 4-5 | 7 |
| 8 Ir-4 Ħadd tal-Għid Jum il-Vokazzjonijiet. Festa tal-Madonna ta' Pompei<br>• 9.30am Quddiesa u wara tingħad is-Supplika lill-Madonna ta' Pompei.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 9 Festa ta' San Ġorġ Preca | 10 | 11 | 12 | 13<br>6.30pm Quddiesa għall-ġenituri u t-tfal - Sena 6 | 14 |
| 15<br>IL-5 Ħadd tal-Għid | 16 | 17 | 18 | 19<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 20 | 21 |
| 22<br>Is-6 Ħadd tal-Għid<br>• Car Wash, organizzata miz-Zona ta' Santa Margerita.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 23 | 24 | 25<br>Ħarġa Marjana għall-anzjani | 26 | 27 | 28 |
| 29<br>Is-7 Ħadd tal-Għid. Tlugħ il-Mulej fis-Sema<br>Seminar għall-ġenituri u t-tfal tal-Ewwel Tqarbina | 30 | 31<br>Ir-Raba' anniversarju mid-digriet tal-Bażilika | | | | |

# ĠUNJU 2022



*San Pietru, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

“Ġesù ħabb lil Pietru bla ma stenna xejn lura mingħandu u bena fuqu. Qawwielu qalbu biex ma jċedix, biex jerġa’ jixħet ix-xbiek fil-baħar, biex jimxi fuq l-ilmijiet, biex iħares bil-kuraġġ lejn id-dgħjufija tiegħu, biex jimxi warajh fit-triq tas-Salib, biex jagħti ħajtu għal ħutu, biex jirgħa n-nagħaġ tiegħu. U hekk ħelsu mill-biża’ u żera’ ġo fih il-kuraġġ. Bħalu, aħna msejħin inkunu ħielsa mill-biża’ li jipparalizzana u jwerwirna, jagħlaqna fiċ-ċertezzi tagħna, u jisirqilna l-kuraġġ tal-profezija.”


PD Security





25, Triq Il-Bennej
Mosta, Malta MST1641

7981 9905

Find us on facebook: pdsecurity


| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1<br>Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù | 2<br>Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. | 3<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 4 |
| 5 Festa ta' Pentekoste<br>• 9.30am Quddiesa għall-adoloxxenti li se jirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 6 | 7 | 8 | 9 | 10<br>7.15pm L-Ewwel Tqarbina għat-tfal tal-Museum Subien u Santa Margerita | 11<br>7.30pm L-Ewwel Tqarbina għat-tfal li jattendu l-Oratorju Marija Immakulata u Sant Andrija |
| 12<br>Trinità Qaddisa<br>• 9.00am L-Ewwel Tqarbina għat-tfal li jattendu l-Oratorju Qalb ta' Ġesu, Museum Subien u Sunday School<br>• L-ewwel Tqarbina fil-Knisja Ta' Mlit | 13 | 14 | 15 | 16<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 17<br>Laqgħa għall-parrini tal-adoloxxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof. | 18 |
| 19<br>Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu<br>• 5.30pm Quddiesa u wara purċissjoni bis-Ssmu Sagrament.<br>• 7.00pm Quddiesa fil-Bażilika | 20 | 21<br>Laqgħa ta' formazzjoni għall-kateksiti | 22<br>Ħarġa għall-anzjani | 23<br>Ġurnata adorazzjoni fil-Kappella l-Antika ta' Santa Margerita | 24<br>Festa tal-Qalb ta' Ġesù<br>6:30pm Quddiesa u wara purċissjoni bis-Ssmu Sagrament | 25<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Marija<br>Katina ta' Rużarju |
| 26<br>It-13-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija.<br>• Festa tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù | 27 | 28 | 29<br>Sollennità ta' San Pietru u San Pawl<br>10am Issir Quddiesa oħra fil-Bażilika. | 30<br>Festa tal-Ewwel Martri ta' Ruma<br>• Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>• 6:30pm Quddiesa tal-festa ta' San Paċifiku | | |

# LULJU 2022




*San Tumas, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

"Kif nista' mmiss il-pjagi ta' Ġesù llum? Ma nistax narahom kif rahom Tumas. Nista' nsibhom fl-atti tal-ħniena, billi nagħti lill-ġisem u lir-ruħ (imma nagħmel enfasi fuq il-ġisem) ta' ħutek miġruħin, għax huma bil-ġuħ, bil-għatx, għarwenin, umiljati, ilsiera, fil-ħabs, fl-isptar. Dawn huma l-pjagi ta' Ġesù llum.... Jeħtieġ li mmissu l-pjagi ta' Ġesù, nikkarezzawhom. (Il-Papa Franġisku, 3.7.2013)"




**Anna mart Joe Falzon**
**Undertaker**
**Tal-Funerali Tal-Mosta**

**Night & Day Service**

**Garage Hire Service:**
10, 14, Bridge Str., Mosta

**Undertaker Service:**
29, 31, 33, Bridge Str., Mosta

**Residence:**
'Rosemarie', 35,
Bridge Str., Mosta

**Office:**
39, Bridge Str., Mosta

**Telephone:**
**21 411 207 - 21 411 828**
**Fax:**
**21 420 877**
**Mobile:**
**9949 0142 - 9949 8056**


| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 It-18 il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena. It-tieni jum tal-Kwindiċina. Jum l-Abbatini | | | | | 1 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Tifkira tal-Beatu Nazju Falzon | 2 |
| 3 L-14-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 4 | 5 | 6 6.30pm Quddiesa għal dawk li mietu fit-tliet xhur ta' qabel | 7 6.30p.m. Quddiesa għat-tfal | 8 | 9 |
| 10 Il-15-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena. 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 11 | 12 | 13 | 14 • 6.30pm Quddiesa għat-tfal. • Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 15 | 16 Festa tal-Madonna tal-Karmnu |
| 17 Is-16-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena. Festa tas-Sagra Familja, il-Bidnija | 18 | 19 | 20 Festa ta' Santa Margerita. Festa fiż-Zona ta' Santa Margerita | 21 6.30p.m. Quddiesa għat-tfal. | 22 Ikla ta' Qabel il-festa, fl-Oratorju Marija Immakulata | 23 |
| 24 Is-17-il Ħadd taż-Żmien ta' matul is-Sena. 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 25 | 26 | 27 | 28 6.30pm Quddiesa għat-tfal | 29 Ftuħ tal-festa ta' Santa Marija. Wara l-quddiesa tas-6:30pm, isir il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa u wara attività soċjali fil-Pjazza tal-Mosta | 30 L-ewwel jum tal-Kwindiċina. Jum l-Għaqdiet Soċjali |

# AWWISSU 2022



*San Bartilmew, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

"Il-figura ta' Bartilmew (Natanael) tgħidilna li nistgħu nkunu ma' Ġesù u nagħtu xhieda għalih anki mingħajr ħafna ħidma senzazzjonali." (Il-Papa Benedittu XVI, 3.10.2006)


Choc au lait
Patisserie 2143 4328
Triq il-Kostituzzjoni, Mosta




| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1<br>It-tielet jum tal-Kwindiċina<br>Niftakru fil-mejtin tagħna | 2<br>Ir-raba' jum tal-Kwindiċina<br>Jum id-Djakonija | 3<br>Il-ħames jum tal-Kwindiċina<br>Jum l-Operaturi Pastorali | 4<br>Is-sitt jum tal-Kwindiċina<br>• Qrar bi tħejjija għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>• Jum it-Tfal tal-Parroċċa | 5<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Is-seba' jum tal-Kwindiċina<br>Jum il-Familja | 6<br>Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. It-tmien jum tal-Kwindiċina<br>Jum il-Benefatturi ħajjin u mejtin |
| 7<br>Id-19-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena, Id-disa' jum tal-Kwindiċina<br>• Jum ż-Żgħazagħ.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 8<br>L-għaxar jum tal-Kwindiċina<br>Jum iz-Zoni | 9<br>Il-ħdax -il jum tal-Kwindiċina<br>Jum il-Viżitaturi u l-Migranti li jgħixu fostna | 10<br>It-tnax -il jum tal-Kwindiċina<br>6:30pm Quddiesa tal-anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari | 11<br>It-tlettax -il jum tal-Kwindiċina. L-ewwel jum tat-Tridu<br>Jum s-Saċerdoti u r-Reliġjużi | 12<br>L-erbatax -il jum tal-Kwindiċina. It-tieni jum tat-Tridu<br>Jum l-Anzjani u l-Morda | 13<br>Il-ħmistax -il jum tal-Kwindiċina. It-tielet jum tat-Tridu<br>Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u l-Movumenti Ekkleżjali |
| 14<br>Lejlet il-festa. L-20 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena.<br>• 9.30am Quddiea it-Te Deum.<br>• 6.45pm Transulazzjoni bir-Relikwija u L-Ewwel Għasar. | 15<br>L-Għid tal-Assunta<br>• 9:15am Quddiesa Solenni.<br>• 6:45pm Purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija | 16 | 17 | 18<br>6.30pm Quddiesa għat-tfal | 19 | 20 |
| 21<br>Il-21 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 22<br>Festa ta' Marija Reġina<br>6:30p.m Quddiesa u wara l-istatwa titulari titqiegħed lura fin-niċċa | 23 | 24 | 25<br>6.30pm Quddiesa għat-tfal | 26<br>Ikla ta' wara l-festa | 27 |
| 28<br>It-22 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 29 | 30 | 31 | | | |

# SETTEMBRU 2022



*San Mattew, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

"Bħal Mattew il-pubblikan ... aħna lkoll midinbin, ilkoll għandna dnubiet. Bis-sejħa ta' Mattew, Ġesù juri lill-midinbin li hu ma jħarisx lejn l-imgħoddi tagħhom, imma pjuttost jiftħilhom futur ġdid. Quddiem Ġesù l-ebda midneb ma jitħalla barra – għax il-qawwa li tfejjaq ta' Alla ma tafx b'mard li ma jistax jitfejjaq."

(Il-Papa Franġisku, 13.4.2016)




| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1<br>• Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>• 6.30pm Quddiesa għat-tfal | 2<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 3 |
| 4<br>It-23 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 5 | 6 | 7 | 8<br>Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija<br>• 10am Quddiesa oħra fil-Bażilika.<br>• 6.30pm Quddiesa għat-tfal | 9 | 10 |
| 11<br>L-24 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 12 | 13 | 14<br>Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib | 15<br>Festa tad-Duluri<br>• 6.30 pm Quddiesa għat-tfal.<br>• Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 16 | 17 |
| 18<br>Il-25 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| 25<br>Is-26 Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena | 26 | 27<br>Irtir għall-katekisti | 28 | 29 | 30 | |

# OTTUBRU 2022



*San Ġuda Taddew, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

> Fl-Aħħar Ċena, Ġuda jitlob lil Ġesù: "Mulej, din kif inhi li inti se turi ruħek lilna u mhux lid-dinja?" Ġesù wieġbu: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14:21-23). Jiġifieri l-Irxoxt irridu nħarsu lejh u nifhmuh anki bil-qalb, hekk li Alla jista' jgħammar fina. (Il-Papa Benedittu, 11.10.2006)






| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30<br>Il-31 Ħadd ta' Matul is-Sena<br>Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof | 31 | | | | | 1 |
| 2<br>Is-27 Ħadd ta' Matul is-Sena<br>• 5.30pm Quddiesa u wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.<br>• 7.00pm Quddiesa fil-Bażilika | 3<br>Bidu tal-Kors ta' Kana | 4 | 5<br>• Coffee Morning fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù.<br>• 6.30pm Quddiesa għal dawk li mietu fit-tliet xhur ta' qabel | 6<br>Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 7<br>Festa tal-Madonna tar-Rużarju.<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>5pm Laqgħa ta' preparazzjoni għall-adoloxxenti tal-Griżma tal-Isqof | 8<br>Festa tad-Dedikazzjoni tal-Katidral |
| 9<br>It-28 Ħadd ta' Matul is-Sena<br>5.00p.m. Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 10 | 11 | 12 | 13 | 14<br>5pm Laqgħa ta' preparazzjoni għall-Adoloxxenti tal-Griżma tal-Isqof | 15<br>151 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Bażilika |
| 16<br>Id-29 Ħadd ta' matul is-Sena | 17 | 18 | 19 | 20<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 21<br>• 5pm Laqgħa ta' preparazzjoni għall-Adoloxxenti tal-Griżma tal-Isqof.<br>• 6.30pm Quddiesa u laqgħa għat-tfal u l-ġenituri tal-Ewwel Tqarbina | 22 |
| 23<br>It-30 Ħadd ta' Matul is-Sena<br>5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 24<br>Bidu tal-Post-Cresima fil-Katekumenju | 25 | 26<br>Ħarġa Marjana għall-anzjani | 27 | 28 | 29<br>Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof |

# NOVEMBRU 2022




*San Indrì, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

“Indrì jgħallimna nimxu wara Ġesù fil-pront, nitkellmu b’ħeġġa fuqu ma’ dawk li magħhom niltaqgħu, u fuq kollox ikollna miegħu relazzjoni ta’ familjarità vera, għax nafu tajjeb li fih biss nistgħu nsibu s-sens aħħari tal-ħajja tagħna kif ukoll tal-mewt tagħna.” (Il-Papa Benedittu, 14.6.2006)















| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1<br>Festa tal-Qaddisin kollha<br>6:30pm Quddiesa bil-kant fil-Bażilika | 2<br>Tifkira Solenni tal-Mejtin kollha<br>6:30pm Quddiesa b'tifkira tal-mejtin kollha. Wara jsir it-tberik tal-kannierja | 3<br>Qrar bi preparazzjoni għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 4<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>7.30pm Laqgħa għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2023 | 5 |
| 6 It-32 Ħadd ta' Matul is-Sena<br>• 4.00pm. Quddiesa fiċ-ċimiterju u wara t-tberik tal-oqbra.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija | 7 | 8 | 9<br>Festa tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran<br>Coffee Morning fl-Oratorju ta' Ġesù | 10 | 11<br>Assemblea Parrokkjali | 12 |
| 13<br>It-33 Ħadd ta' Matul is-Sena | 14 | 15 | 16 | 17<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 18<br>• Quddiesa għal dawk li tilfu lil xi ħadd minn uliedhom.<br>• Live-in għal-leaders tal-gruppi taż-żgħażagħ.<br>• 7.30pm Laqgħa għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2023 | 19<br>Live-in għal-leaders tal-gruppi taż-żgħażagħ |
| 20<br>Solennità ta' Kristu Rè<br>• Live-in għal-leaders tal-gruppi taż-żgħażagħ<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija | 21 | 22 | 23 | 24 | 25<br>7.30pm Laqgħa għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2023 | 26<br>7.30pm. Quddiesa għal dawk impenjati mal-viżitaturi |
| 27<br>L-Ewwel Ħadd tal-Avvent<br>11am Tberik tal-girlandi tal-Avvent | 28 | 29 | 30<br>Festa ta' Sant' Andrija<br>Irtir tal-Avvent għall-anzjani | | | |

# DIĊEMBRU 2022




*San Ġwanni, statwa li tinsab fil-faċċata tal-Bażilika tal-Mosta.*

"Ġwanni kien parti minn grupp ristrett li Ġesù ħa miegħu f'okkażjonijiet partikulari: meta qajjem lil bint Ġajru, fit-Trasfigurazzjoni, u fil-Ġetsemani. Skont it-tradizzjoni, Ġwanni huwa "id-dixxiplu l-maħbub" li serraħ rasu fuq sider l-Imgħallem fl-Aħħar Ċena, li kien f'riġlejn is-Salib flimkien ma' Omm Ġesù, li kien xhud tal-Qabar vojt u tal-Irxoxt. Il-Mulej jixtieq jagħmel minn kull wieħed minna dixxiplu bi ħbiberija personali miegħu." (Il-Papa Benedittu, 5.7.2006)

Treecake Confectionery
Caterers for all Occasions



Jesmond Cauchi
Managing Director
Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859 - Mob: 9946 4060
Email: cauchijesmond64@gmail.com

| Il-Ħadd | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1<br>Qrar bi tħejjija għall-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 2<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar | 3<br>6.00pm Quddiesa tal-festa, fiċ-ċentru ta' Sant Andrija |
| 4<br>It-Tieni Ħadd tal-Avvent<br>• Christmas Sunday Buffet Lunch.<br>• 5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 5 | 6 | 7 | 8<br>Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni<br>10am Quddiesa oħra fil-Bażilika, bis-sehem tal-membri tal-Oratorju Marija Mmakulata | 9<br>Ftuħ tal-Christmas Village | 10<br>Christmas Village |
| 11<br>It-Tielet Ħadd tal-Avvent<br>Christmas Village | 12 | 13 | 14 | 15<br>• Bidu tan-Novena tal-Milied.<br>• 6.30pm Quddiesa bis-sehem tat-tfal mill-1 sat-3 sena kateketika.<br>• Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali | 16<br>6.30pm Quddiesa bis-sehem tat-tfal mir-4 sat-6 sena kateketika. | 17 |
| 18<br>Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent<br>5.00pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija | 19<br>Purċissjoni tal-Bambin tal-Milied fiz-Zona ta' Santa Margerita | 20 | 21 | 22 | 23 | 24<br>Lejlet il-Milied<br>• 6pm Purċissjoni tal-Bambin mill-Museum tas-Subien.<br>• 11pm Velja tal-Lejl tal-Milied u wara l-quddiesa |
| 25<br>Jum il-Milied | 26<br>San Stiefnu | 27 | 28<br>Il-Martri Innoċenti<br>Kwaranturi. Quddiesa u festin tal-Milied għall-anzjani | 29<br>Kwaranturi | 30<br>Festa tal-Familja Mqaddsa<br>Kwaranturi | 31<br>• Kwaranturi.<br>• 5:00pm Festa fil-kappella ta' San Silvestru.<br>• 6:30pm Quddiesa ta' radd il-ħajr bil-kant tat-Te Deum. |